**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 842/97

Carmel Gatt
vs
Commander Armed Forces of Malta u precizament il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta skond kif korretta b' digriet tat-3 ta' Novembru, 1999

Illum 8 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz, fi jew ghall-habta ta' 1992 huwa sofra ngustizzja f'li ma nghatax il-promotion li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi hu kien ingagga fl-Armata fis-sena 1982 fil-grad ta' Gunner. Hu kemm kien ilu fl-Armata kien gab kwalifiki li jinkludu B3 Trade ta' Driver, Military Education Class 3. Hu dejjem ghamel xogholu kif suppost u bl-akbar reqqa tant li qatt ma kien hemm rapporti hziena kontrih, mhux hekk biss imma hu ghandu rakkomandazzjonijiet favorevoli ghalih mis-superjuri tieghu.

Illi fis-sena 1992 hu kien gie maqbuz fil-promozzjoni minn nies b'inqas kwalifiki u esperjenza minnu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li kien haqqu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar min Lm5000 jew kif jiddeciedi t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi jirrizulta li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 dawk kollha li gew promossi u li kienu ***junior*** tar-rikorrent kienu kollha kkwalifikati aktar mir-rikorrent b'mod jew iehor.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rikommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

L-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni dwar l-artikolu 161 fit-3 ta' Novembru, 1999. Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti fuq esposti. Sostna li uhud minn dawn in-nies li qabzuh, u cioe` li saru bumbardiera u hu ma sarx huma:
6171 Bdr Pisani
6366 Bdr Sayan
6322 Bdr Mizzi
85100 Bdr O' Brian
85108 Bdr Caruana
Semma li nqabez minhabba l-politika. Sostna dan minhabba li min qabzu huwa ta' twemmin politiku differenti minn tieghu u cioe` favur il-Gvern li kien qed imexxi wara Mejju 1987.

Lt. Col. Schembri ipprezenta lista` ta` promozzjonijiet li saru b` effett mill-20 ta` Jannar 1992 minn Lance Bumbardier ghal Bumbardier. Fit-tieni pagna jidher isem ir-rikorrent shaded bil-

griz mhux ghax ha promozzjoni izda biex jidher postu fis-seniority.

Zied li minn dawk li kienu fl-istess unit, vuol diri fl-istess regiment li kien fih ir-rikorrent - AFM Depot - Sayan Marco kien fl-istess regiment bl-istess kwalifiki bhar-rikorrent. Ma sab ebda raguni ghaliex intghazel Sayan flok ir-rikorrent. Mir-records ta' Sayan ma jidher li kien hemm xejn eccezzjonali li juri li kellu jiehu l-promozzjoni qabel ir-rikorrent. Ghar-rigward tal-ahhar persuna mnizzla, Lance Bumbardier Caruana Melvin, ghalkemm bhala trades militari mhux imnizzlin bhal tas-soltu, jidher li kien kwalifikat bhala physical training instructor fi skola militari gewwa l-Italja.

Fir-records tal-Armata fil-personal file tal-individwu ma sab ebda rakkomandazzjoni ghal promozzjoni pero` anqas non-recommendation fil-kaz tar-rikorrent. Esebixxa estratt mir-record of service tar-rikorrent, is-C.V. tal-individwu u ma hemm xejn partikolari. Rigward tas-sick leave li jidher fl-ahhar dokument, ma hemmx xi sick leave eccessiv li wiehed jista' jattribwieh ghall-fatt li ma giex rakkomandat jew le. Il-kondotta tar-rikorrent hija nadifa wkoll.

Ikkunsidra

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ir-rikorrent kellu Army Certificate of Education Class 3 u bhala Trades Driver B3. Minn dawk li qabzuh hemm kien hemm tlieta bi Class 1, u 5 bi Class 2. Izda hemm ukoll 4 bi Class 3 li tlieta jidher li kellhom trades aktar izda wiehed ma hemm ebda raguni. L-intimat ma ta ebda raguni valida ghala inqabez ir-rikorrent – la sick leave zejjed, la rapporti negattivi. Ghalhekk ma jidhirx li kien hemm raguni valida ghaliex ir-rikorrent kellu jinqabez. Hawn it-Tribunal isib l-ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha.

Ghal dawn il-motivi jichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent, u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Bumbardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-

lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.